

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/664**tas-26 ta' April 2016****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha, jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mogħtija fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ⁽²⁾. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mogħtija fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' April 2016.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Stephen QUEST
Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Apparat portabbli li jaħdem bil-batteriji li permezz tiegħu jistgħu jiġu rrekordjati stampi vidjow, b'dimensjonijiet ta' madwar 10 × 5 × 2 cm u piż ta' madwar 120 g, li jikkonsisti f'dawn li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — lenti tal-kamera, — skrin LCD b'tul djaġonali ta' madwar 5 cm (2 pulzjeri), — mikrofonu, — lawdspiker, — proċessur, — batterija Li-ion interna, — memorja interna b'kapaċità massima ta' 8 GB, — konnettur integrat USB (tat-tip "flip out"), — ħruġ għal sinjali HDMI, — sensur tal-immaġini CMOS integrat. <p>L-apparat huwa mgħammar b'funzjoni ta' żum diġitali b'żewġ passi. Dan huwa kapaċi jirrekordja stampi vidjow b'riżoluzzjoni ta' 1 280 × 720 pixel bi 30 immaġni kull sekonda għal massimu ta' sagħtejn. L-apparat ma jistax jintuża għat-teħid ta' ritratti jew stampi fissi.</p> <p>L-istampi vidjow irrekordjati permezz tal-apparat jistgħu jiġu trasferiti għal fuq magna għall-ipproċessar awtomatiku tad-dejta (ADP) permezz tal-interfaċċa USB integrata, jew għal fuq sett tat-televixin permezz ta' kejbil tat-tip mikro-HDMI.</p> <p>Mal-preżentazzjoni, il-fajls f'format vidjow jistgħu jiġu trasferiti għal fuq l-apparat minn magna ADP, permezz tal-interfaċċa USB integrata. L-apparat jista' jintuża wkoll bħala apparat għall-ħżin li jista' jitneħħa.</p>	8525 80 99	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 8525, 8525 80 u 8525 80 99.</p> <p>Minħabba li l-apparat jista' jirrekordja biss stampi vidjow, il-klassifikazzjoni bħala kamera diġitali taħt il-kodiċi NM 8525 80 30 hija eskluża. Il-fatt li l-apparat m'għandux funzjoni ta' żum ottiku ma jipprekludix il-klassifikazzjoni tiegħu bħala vidjowkamera li tirrekordja. (ara l-Kawża C — 178/14, <i>Vario Tek</i>, ECLI:EU:C:2015:152, il-paragrafi 17 sa 29). Minħabba l-karatteristiki oġġettivi tiegħu, l-apparat jitqies bħala vidjowkamera li tirrekordja.</p> <p>Il-fajls vidjow jistgħu jiġu trasferiti għal fuq l-apparat minn magna ADP u jinħażnu fih, u l-apparat huwa kapaċi jwettaq din il-funzjoni b'mod awtonomu mingħajr ebda modifika. Għalhekk, l-apparat jitqies li hu kapaċi jirrekordja l-fajls vidjow minn sorsi oħra apparti mill-kamera tat-telekamera integrata. (ara l-Kawża C — 178/14, <i>Vario Tek</i>, ECLI:EU:C:2015:152, il-paragrafi 30 sa 39).</p> <p>B'hekk, il-klassifikazzjoni tal-apparat taħt il-kodiċi NM 8525 80 91 bħala vidjowkameran li jistgħu jirreġistraw biss ħoss u immaġni meħudin b'telekamera hija eskluża.</p> <p>Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 8525 80 99 bħala vidjowkameran li jirrekordjaw oħra.</p>